

# L-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann – 900 Sena

Minn Gordon Dalli

Ikun xieraq li bħala Soċjetà dedikata lill-fundatur ta' Raħal Ġdid il-Gran Mastru Fra Antoine De Paule, niddedikaw ftit paġni minn dan il-ktejjeb lill-Ordni tal-Kavallieri ta' Malta li din is-sena qed ifakkar id-900 sena mit-twaqqif tiegħu.

## Il-Bidu

L-Ordni twaqqaf proprju fl-1048 fi żmien l-Ewwel Kruċjata minn għadd ta' Merkanti mir-Repubblika ta' Amalfi. Dawn ġabu permess m'għand il-Kalif tal-Eġittu biex jibnu sptar u knisja f'Ġerusalemm sabiex ikunu jistgħu jaqdu l-ħtiġijiet tal-pellegrini li kienu jżuru l-Art Imqaddsa. L-Ordni ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm kien komunità monastika li saret indipendenti taħt it-tmexxija tal-ewwel fundatur tagħha l-Beatu Gerard.



Il-Fundatur tal-Ordni tal-Kavallieri, il-Beatu Gerard li kien l-ewwel mexxej

Il-Papa Baskal II, permezz tal-Bolla tal-15 ta Frar tal-1113, approva t-twaqqif tal-Ordni l-ġdid bi privileġġi partikolari fosthom li jkunu sottomessi direttament għall-Papa (li jkunu indipendentament sovrani minn kull stat ieħor) u li setgħu jaħtru huma l-mexxej tagħhom. Naturalment, bħala ordni monastiku, il-kavallieri kienu jieħdu l-voti tal-faqar, ubbidjenza u kastità.

Dan l-Ordni kien ukoll responsabbli biex jiddefendi militarment il-morda, il-pellegrini u t-territorji mirbuħin mill-Insara. Mal-missjoni li jieħdu ħsieb il-morda żdied ukoll l-obbligu li l-Ordni jiddefendi wkoll il-Fidi. Maż-żmien, l-Ordni addotta s-Salib ta' Tmien Ponot abjad bħala s-simbolu tal-Ordni, oriġinarjament is-simbolu tar-Repubblika Marittima ta' Amalfi, u li issa llum hu aktar assoċjat ma' dan l-Ordni u ma' Malta.

Il-motto li addotta l-Ordni kien "*Pro Fide, Pro Utilitate Hominum*" li jfisser "*Għall-Fidi u Għas-Servizz tal-Umanità*".

Fl-1187 Ġerusalemm reġgħet waqgħet f'idejn il-Mislem u fl-1291 waqgħet il-Belt ta' Akkri, li kienet l-aħħar belt miżmuma mill-Insara fil-Lvant Nofsani. L-Ordni sab refuġju fir-Renju ta' Ċipru iżda l-Gran Mastru ta' dak iż-żmien, Fulkes de Villaret, xtaq li l-Ordni jkollu t-territorju sovran tiegħu. Wara sentejn ta' ġlied, f'Awwissu tal-1309, ittieħdet il-gżira ta' Rhodi u xi ġzejjer ta' madwarha minn idejn il-Biżantini.

Fl-1312, il-Papa ddissolva l-Ordni tat-Templari u ħafna mill-propjetà li kellhom ingħatat lill-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Il-ġid li kellhom imxerred madwar l-Ewropa inqasmu



Il-Papa Pascal II li approva t-twaqqif tal-Ordni fil-15 ta' Frar 1113.

fi tmin Lingwi, dawk ta' Aragona, ta' Averna, ta' Kastilja, tal-Ingilterra, ta' Franza, tal-Ġermanja, tal-Italja u ta' Provenza. Kull Lingwa kienet titmexxa minn Balliju.

F'Rhodi, l-Ordni kellu jissaħħaħ militarment minħabba l-attakki kontinwi tal-pirati tal-Barbarija. Fis-seklu ħmistax, l-Ordni f'Rhodi rreżista żewġ attakki kontrih, wieħed fl-1444 mis-Sultan tal-Eġittu u l-ieħor fl-1480 mis-Sultan Ottaman Mehmet II.

Fl-1522, it-Torok Ottomani taħt is-Sultan Suleiman il-Manjifiku reġgħu attakkaw l-Ordni f'Rhodi iżda din id-darba, il-qawwiet tal-għadu kienu aktar minn għaxar darbiet dawk tal-Ordni u wara assedju ta' sitt xhur, l-Ordni ċeda. Il-qlubija tal-Kavallieri u tal-mexxej tagħhom dakinhar, il-Gran Mastru Philippe Villiers de L'Isle-Adam wasslet biex il-Kavallieri u xi nies oħrajn tħallew jirtiraw fi Sqallija mill-Ottamani. Il-Gran Mastru ngħata t-titlu ta' "*Difensur tal-Fidi*" mill-Papa Adrijanu VI.



L-44 Gran Mastru tal-Ordni u l-ewwel wieħed f'Malta, Philippe Villiers de l'Isle Adam li li mexxa l-Ordni bejn l-1521 u l-1534

## L-Ordni f'Malta

L-Ordni baqa' bla territorju sal-1530. Ir-Re Karlu V ta' Spanja, bl-approvazzjoni tal-Papa Klement VII, ta Malta lill-Ordni sabiex, b'bażi f'nofs il-Mediterran, ikunu jistgħu jerġgħu jissaħħu u jgħinu biex jiddefendu kontra l-Mislem li kien fi gwerra kontinwa mal-istati Nsara fil-Mediterran. L-Ordni ġie Malta, b'nofs qalb, iżda ma tantx kellhom għażla oħra.

Wara l-Assedju l-Kbir tal-1565 jidher li l-Ordni ddeċieda li jankra f'Malta u bena belt ġdida biex jakkomoda l-magna amministrattiva tiegħu. Issaħħet id-difiża iżda l-kavallieri ħasbu wkoll għall-kumdità b'bini ta' palazzi, bereġ, knejjes kif ukoll postijiet ta' divertiment bħall-Mall u t-Teatru Manoel. Fl-1571 il-flotta tal-Ordni kkontribwiet sew fir-rebħa tal-pajjiżi Nsara fuq dawk Misilmin fil-battalja ta' Lepanto.



Il-Gran Mastru La Vallette li mexxa l-battalja tal-Assedju il-Kbir tal-1565 u ta bidu għall-bini tal-belt Valletta

Iżda żminijiet bdew jinbidlu wkoll. Ir-Riforma Protestana f'pajjiżi bħall-Ingilterra, l-Iskozja, il-Ġermanja u l-Olanda fissret ukoll li l-Ordni tilef ħafna mid-dħul li kellu f'dawn il-pajjiżi. Is-sibi, li kien qligħ prinċipali ieħor għall-Ordni naqas sew u l-Ordni beda jitlef is-saħħa meta kkumparat ma' qawwiet oħrajn emerġenti Ewropej. L-Ordni kien marbut li ma jiħux naħat fi kwestjonijiet bejn pajjiżi Nsara u dan seta' wkoll tellfu milli jagħmel allejanzi strateġiċi ma' min kien jaqbillu.

## L-Ordni wara Malta

Fl-1798 tfaċċat f'Malta il-flotta Franċiża ta' Napuljun Bonaparti li bi skuża li kellha dritt tirrifornu l-ilma, u bl-għajnuna ta' għadd ta' Kavallieri Franċiżi li kienu aktar lejali lejn l-idejoloġija ta' Napuljun milli mill-Ordni tagħhom, suldati Franċiżi żbarkaw f'Malta u ħakmuha mingħajr ġlied.

Il-Kavallieri, taħt it-tmexxija tal-aħħar Gran Mastru f'Malta Ferdinand Von Hompesch,




Il-Gran Mastru Fra Antoine de Paule fundatur ta' Paola li mexxa l-Ordni bejn l-1623 u l-1636

ċedew mingħajr reżistenza. Filwaqt li s-Sovranità tal-Ordni reġgħet kienet affirmata fit-trattat ta' Amiens fl-1802, l-Ordni qatt ma reġgħet ġiet lura Malta bħala ħakkiema.

Il-maġġoranza tal-Kavallieri marru r-Russja u ħatru lit-Tsar Paul I bħala s-70 Gran Mastru tal-Ordni, xi ħaġa li qatt ma kienet għadha saret. Fir-Russja (St. Petersburg) it-Tsar Pawlu I ħoloq il-Gran Prijoritat tar-Russia. L-oħrajn xterrdu madwar l-Ewropa kollha fi Franza, Spanja, il-Prissja, il-Bavarja, l-Italja u l-Ingilterra.

Fis-snin ta' wara, is-sede amministrattiva tal-Ordni inagħtaw il-permess mir-Re ta' Napli biex jistabbilixxu rwieħhom fi Sqallija f'Katanja u Messina fejn damu sal-1826. Fl-1834, wara ftit żmien ġo Ferrara, l-Ordni stabilixxiet ruħha f'Ruma f'Palazzo Magistrale ġo Via Condotti ħdejn Pjazza di Spanja fejn ingħatat sovranità extraterritorjali (bħall-Vatikan).

F'dan iż-żmien, id-dħul tal-Ordni naqas sew u l-Ordni ddgħajjef bħala konsegwenza. Dan hu rifless ukoll fil-fatt li kien hemm żmenijiet, bejn l-1805 u l-1879, fejn l-Odni kien qed jiġi mmexxi minn Logutenenti minflok minn Gran Mastru. Fl-1879 il-Papa Ljun XIII reġa' ta Gran Mastru lill-Ordni. Minn hawn, id-direzzjoni tal-Ordni nbidel u reġa' mar għall-egħruq tiegħu, jiġifieri dak ta' Ordni reliġjuż iffukat fuq xogħol umanitarju. Dan intwera l-aktar fl-Ewwel Gwerra Dinjija (1914-1918) u aktar tard taħt Fra' Ludovico Chigi Albani della Rovere fit-Tieni Gwerra Dinjija.



Is-sede amministrattiva tal-Ordni f'Palazzo Magistrale ġo Via Condotti ħdejn Pjazza di Spanja f'Ruma

## L-Ordni llum

L-Ordni hija sovrana u għandha l-bolol, muniti, u passaporti tagħha, però llum il-ġurnata m'għandha l-ebda territorju. L-Ordni jagħraf 79 mexxej tiegħu taħt it-titlu ta' Gran Mastru. Illum hija organizzazzjoni umanitarja li fi ħdanha hemm madwar 100,000 tobba, infermiera u voluntiera minn madwar id-dinja. Dan l-Ordni mwaqqaf fil-Medju Evu, huwa wieħed mill-ftit li għadhom attivi sal-lum fejn sar organizzazzjoni umanitarja internazzjonali. Illum l-ordni hija bbażata f'Ruma minn fejn taħdem biex jinfetħu xelters u kċejjen madwar l-Ewropea hekk kif in-numru ta' nies bla xogħol qiegħed dejjem jiżdied. Is-Sirja hija wkoll priorità għall-ordni fejn qed tgħin lill-vittmi ta' dan il-kunflitt. Il-battalji tal-Ordni llum ma għadhomx isiru bix-xwabel imma b'metodi paċifiċi kontra l-faqar, il-mard, l-isolazzjoni u fl-istess ħin tipproteġi l-fidi. Il-Gran Mastru preżenti huwa Fra Matthew Festing. Riċentament l-Ordni reġa' ġie Malta wara li ngħata l-użu tal-Fort Sant'Anġlu b'kera għal 99 sena.

## Id-Disa' Ċentinarju

Biex jitfakkar dan l-avveniment, Fid-9 ta' Frar li għadda f'Ruma 4,000 membru tal-Kavallieri ta' Malta mexxew purċissjoni sa ħdejn il-qabar ta' San Pietru u attendew għal

quddiesa li kienet ikkonċelebrata fil-Bażilika ta' San Pietru. Il-Kavallieri kellhom ukoll udjenza mal-Papa Benedittu XVI.

F'Malta wkoll qed jitfakkar dan l-avveniment b'wirja interessanti fil-Biblijoteka Nazzjonali li ġiet inawgurata nhar il-Ħamis 6 ta' Ġunju u ser tibqa' miftuħa għall-pubbliku sat-2 ta' Awissu li ġej. Bħala Socjeta li ġġib isem wieħed mill-Gran Mastri tal-Ordni, is-Soċjetà De Paule ġiet mistiedna tieħu sehem billi tesebixxi l-istandard tagħha biex jagħmel parti mill-esebiti f'din il-wirja mimlija b'manuskritti u dokumenti oriġinali flimkien ma' oġġetti storiċi li jixhdu disa' mitt sena ta' storja tal-Kavallieri ta' Malta.



Il-Gran Mastru preżenti Fra Matthew Festing



L-Istandard tas-Soċjetà fil-Wirja mtellgħa mill-Ordni fil-Biblijoteka Nazzjonali fil-Belt Valletta


